21 ta' Frar, 1996

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL. D. - President**
**Onor Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Emanuela Brincat

*versus*

Avukat Ġenerali

**Liberta' Provvisorja - Talba għal - Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Liberta' Personali - Smigħ Xieraq - Żmien Raġonevoli - Termini - Kodiċi Kriminali - Dekors**

*Ir-rikorrenti kienet miżmuma taħt arrest preventiv pendenti l-ġudizzju. Ir-rikorrenti kienet talbet l-għoti tal-liberta' provvisorja imma din ġiet lilha miċħuda. Ir-rikorrenti għalhekk irrikorriet quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għax ippretendiet li d-dritt tagħha għal-liberta' personali kien ġie leż billi kienu skadew it-termini previsti fil-Kodiċi Kriminali għall-kumpilazzjoni u eventwali akkuża. Il-Prim'Awla ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Ir-rikorrenti kienet qiegħda tallega li t-termini stabbiliti fil-Kodiċi Kriminali għall-preżentata ta' l-att ta' l-akkuża ma kinux ġew rispettati u għalhekk id-detenzjoni tagħha kienet illegali. Il-Qorti rriteniet li dan l-argument ma jreġix. It-termini fil-każ in kwistjoni ma kinux ġew ivvjolati; inoltre r-rinviji li kien hemm la kienu kapriċċużi u lanqas kien hemm telf ta' żmien.*

*It-terminu "żmien raġonevoli" għandu jitqies minn każ għal każ, u għandu jittieħed in konsiderazzjoni l-fattispeċje ta' kull każ individwali. Fil-konsiderazzjoni ta' x'inhuwa żmien raġonevoli jridu jiġu bbilanċjati l-interessi tal-ġustizzja ma' dawk ta' l-individwu. Fil-każ preżenti bl-ebda mod ma seta' jingħad li l-każ tar-rikorrenti ma kienx ġie mismugħ fi żmien raġonevoli.*

Il-Qorti:-

Ir-rikorrenti meta għamlet il-preżenti istanza Kostituzzjonali kienet taħt arrest preventiv akkużata b'diversi reati taħt l-*Ordinanza* dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), inklużi l-pussess ta' traffikar ta' droga perikoluża. Minn meta ppreżentat dak ir-rikors hi nstabet ħatja ta' dawn ir-reati mill-Qorti *Kriminali* u ġiet ikkundannata għal tmien snin priġunerija u multa fl-ammont ta' ħamest elef lira Maltija (Lm5,000). Dan b'sentenza tas-**6 ta' April, 1995**. Hi kienet ġiet mixlija u mressqa b'arrest quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati fil-**15 ta' Marzu, 1994**. Appena sena qabel. Ir-rikorrenti kienet allura, meta ressqet ir-rikors, qed tallega ksur tad-dritt fondamentali tagħha għall-ħelsien mill-arrest jew *detenzjoni sanċit bid-disposizzjonijiet tas-subartikoli* (3) u (4) ta' l-artikolu 5 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Att XIV ta' l-1987, Kap. 319);

Dan hu r-rikors promotorju quddiem il-Prim'Awla *tal-Qorti* Ċivili:

"Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' l-istess Emanuela Brincat li biha esponiet:

"Illi hija qed tadixxi din il-Qorti dwar id-dritt tagħha għall-ħelsien mill-arrest, liema dritt ta' l-esponenti joħroġ mill-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem;

Il-fatti li fuqhom hi bbażata din it-talba huma s-segwenti:

L-esponenti tinsab arrestata u mingħajr liberta' *provvisorja*. Ilha hekk għal dawn l-aħħar xhur. Għamlet diversi rikorsi għal-

liberta` provvisorja li ġew miċħuda. Kien hemm rinviji mill-Avukat Ġenerali, wara li ngħalqet il-kumpilazzjoni;

Qabel is-seduta tat-3 ta' Ottubru, 1993 l-aħħar rinviju kien fit-8 ta' Awissu, 1994. Għaddew għalhekk 56 jum b'kollox. L-Avukat Ġenerali talab u ottjena u hawn hu dritt tiegħu, li t-terminu għall-preżentata ta' l-att ta' l-akkuża jitwal bi ħmistax-il jum. Reġa' kien hemm rinviju quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, intalbet *il-liberta`* provvisorja, iżda xorta kien hemm dikjarazzjoni li għandha tibqa' mingħajr liberta`;

L-esponenti mhux qed titlob il-liberta` ħlief dak li hu parti mil-liġi tal-pajjiż u ċjoe` skond l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni u ċjoe` li hi għandha tingħata l-liberta` taħt garanziji li tidher għall-proċess u dan meta f'kull stadju tal-proċess *jgħaddi żmien li ma* jkunx raġonevoli;

Raġonevoli fl-ewwel lok mhux kriterju soġġettiv. Meta hemm il-liġi li timponi dak li hu raġonevoli, oltre dak iż-żmien, ma jistax jibqa' la legali u lanqas raġonevoli;

L-artikolu 432(1) tal-Kodiċi Kriminali, emendat fl-*1980 bl-*Att XIII, jagħmilha ċara li l-Avukat Ġenerali għandu terminu ta' xahar biex jagħmel l-att ta' l-akkuża, jew jakkuża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, liema terminu jibda jgħaddi minn dakinhar li jirċievi l-att tal-kumpilazzjoni u hawn japplika l-artikolu 401(3). Dan iż-żmien ta' xahar japplika *mill-kumpilazzjoni oriġinali u mhux* għar-rinviji ta' l-Avukat Ġenerali;

Dan joħroġ ċar mil-liġi. L-artikolu 405 jitkellem fuq ir-rinviji. L-Avukat Ġenerali għandu dritt jagħmilhom, imma b'daqshekk ma

jkunx qed jinterrompi favur tiegħu t-terminu ta' xahar *stabbilit* bl-artikolu 432 (1). *Ubi lex voluit dixit*. Bħal ma tgħid fejn it-talba għar-rinviju tkun saret mill-imputat: artikolu 405 (7) Kodiċi Kriminali: "Meta t-talba għas-smigħ tax-xhieda ssir *mill-imputat*, iż-żmien li fih għandu jiġi ppreżentat l-att ta' l-akkuża jibda jgħodd mill-jum li fih l-atti tal-kumpilazzjoni, flimkien max-xiehda tax-xhieda hekk *mismugħa*, jkunu ntbagħtu lura *lill-Avukat Ġenerali*". Il-liġi ma tgħidx l-istess meta jkun l-Avukat Ġenerali li jibgħat hu l-atti, il-Maġistrat ikun sema' u jerġa' jibgħatlu lura l-atti. Hawn si tratta tal-liberta' ta' l-individwu u fil-kamp kriminali u għalhekk fejn hemm restrizzjoni tal-liberta' għandha tiġi interpretata (kieku kien hemm bżonn ta' interpretazzjoni) favur il-liberta';

Jekk hemm xi *proviso* x'imkien li jgħid li l-Avukat Ġenerali jġedded lilu nnifsu t-terminu, anzi jerġa' jibdih mill-ġdid, allura kontra l-kelma miktuba tal-liġi l-esponenti tbaxxi rasha. *Imma fejn* m'hemmx ma tistax tiġi vvintata, imqar bi prattika żbaljata li tkun laħqet daħlet u rabbiet l-għeruq;

L-Avukat Ġenerali f'risposti li għamel għar-rikorsi tal-liberta' provvisorja għamel riferenzi għan-noti tal-Professur Mamo. Dawn kienu nkitbu qabel l-emendi ta' l-artikolu 432 tal-Kodiċi Kriminali. F'dak id-dibattitu parlamentari meta tressqet l-emenda l-leġislatur kien għamilha ċara li minn 8 ijiem it-terminu tal-kumpilazzjoni u għall-Avukat Ġenerali twalu għal xahar biex ma jkunx hemm rinviju u biex il-pulizija verament tressaq il-provi kollha tagħha quddiem il-Qorti tal-Kumpilazzjoni;

Skond il-liġi kriminali l-Avukat Ġenerali kellu miftuħ għalih dak li jipprovdi l-artikolu 432 biex jestendi ż-żmien. Fl-ewwel lok jitlob l-estenzjonijiet lill-Qorti Kriminali u wara lill-President tar-

Repubblika. Matul dan il-perijodu, xorta jibqa' l-fakolta' li jibgħat jagħmel mistoqsijiet jew rinviju, imma dan ma jinterrompix it-terminu ta' l-Avukat Ġenerali. Il-fakolta' li jagħmel rinviji tibqa' anke wara li jsir l-att ta' l-akkuża. Li dan it-terminu jibqa' għaddej kontra l-Avukat Ġenerali joħroġ ċar ukoll mill-artikolu 432 (2) u (3). Dan meta l-atti tal-kumpilazzjoni jkunu difettużi. It-terminu ma jibdiex jgħaddi qabel jerġgħu lura korretti. Imma m'hemmx l-istess *proviso* dwar ir-rinviji għas-smigħ ta' xhieda;

Għalhekk il-liġi imponiet terminu massimu li hu maħdum hekk, mill-artikolu 432 (1): xahar minn meta jirċievi *l-atti u tibda* l-funzjoni tiegħu l-Avukat Ġenerali; estensjoni ta' 15-il jum mill-President. B'kollox xahrejn. Jekk hu meħtieġ żmien itwal flok l-aħħar ħmistax jidħol terminu itwal fid-diskrezzjoni tal-President. Jekk jaqbeż l-erbgħin ġurnata l-imputat ikollu dritt *għal-liberta'*. Għalhekk skond il-liġi tagħna, imputat jista' jibqa' miżmum: (a) xahar tal-kumpilazzjoni (artikolu 401); (b) xahar għand l-Avukat Ġenerali (artikolu 432 (1)); (ċ) ħmistax jekk ikun hemm estensjoni mill-Qorti Kriminali; (d) estensjoni mill-President ta' erbgħin ġurnata;

B'kollox tliet xhur u ħamsa u għoxrin ġurnata;

L-esponenti ilha seba' xhur s'issa u ċjoe' ilha arrestata mill-15 ta' Marzu, 1994;

*Dak li hu oltre l-liġi ma jistax ikun raġonevli;*

Inoltre fis-sistema tagħna, għalkemm ingħad fis-sentenza **Joseph Aquilina** tal-Qorti Kostituzzjonali tat-13 ta' Ġunju, 1994 li Malta għandha sistema fost l-aktar garantisti fl-Ewropa, m'hemm

l-ebda Qorti li hi awtorizzata tiddeċidi *speedily* skond il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja kif għandu jkun tali eżami. Anke dan il-proċess tar-rikors kostituzzjonali u s-sistema ma jissodisfax dak li ġie deċiż mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja;

Għaldaqstant talbet lil din il-Qorti:

Tiddikjara li fil-konfront tagħha hemm ksur għad-dritt tal-liberta` skond l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja fil-parti fejn tiggarantixxi proċeduri fi żmien raġonevoli jew għall-ħelsien mill-arrest;

Tagħtiha dawk ir-rimedji li jagħmlu għall-każ u dan anke l-liberta` li għaliha għandha d-dritt;

Tiddikjara li hemm ksur ta' l-istess Konvenzjoni fl-artikolu 5 (4) peress li ma teżistix Qorti li għandha l-funzjoni hemm speċifikata, li teżamina l-legalita` tad-detenzjoni b'mod *speedily* kif jgħid it-test uffiċjali ta' l-istess Konvenzjoni, inkluż dan fuq il-fatt tal-każ preżenti;

Tagħtiha ukoll kumpens xieraq għall-vjolazzjonijiet lamentati";

*Il-Prim'Awla ddeċidiet bis-sentenza tagħha tad-19 ta'* Diċembru, 1994 li tiċħad bħala nfondati t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha;

Tajjeb li jiġu riprodotti l-konsiderazzjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti għad-deċiżjoni tagħha in kwantu din il-Qorti tikkonsidrahom korretti fil-fatt u fid-dritt. Huma anke ġusti fil-

kontest taċ-ċirkostanzi tal-każ taħt eżami u tal-provi prodotti u din il-Qorti ma teżitax li tagħmilhom tagħha;

"Illi r-rikorrenti qiegħda tilmenta ksur tad-drittijiet fondamentali tagħha protetti bid-disposizzjonijiet tas-subartikoli (3) u (4) ta' l-artikolu 5 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja *(Att XIV ta' l-1987 - Kap. 319)*;

Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 5 jipprovdi li:

"Kull min ikun arrestat jew iddetenut skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) (ċ) ta' dan l-artikolu għandu jinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita' setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għall-proċeduri fi żmien raġonevoli jew għall-ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kondizzjoni ta' garanziji biex jidher għall-proċeduri";

Il-paragrafu (1) (ċ) li għalih hemm referenza jiddisponi li:

"Kulħadd għandu d-dritt għal-liberta' u għas-sigurta' tal-persuna;

Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-liberta' tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skond proċedura preskritta bil-liġi:

(ċ) l-arrest jew detenzjoni skond il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-Awtorita' legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat";

Is-subartikolu (4) jiddisponi li:

"Kull min ikun ipprivat mil-liberta` tiegħu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jagħmel proċeduri biex il-legalita` tad-detenzjoni tiegħu tiġi deċiża malajr minn Qorti u l-liberta` tiegħu tiġi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skond il-liġi";

It-teżi tar-rikorrenti hija li, billi skond l-interpretazzjoni u kalkoli magħmulha minnha tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9), minnha ċċitati, il-kumpilazzjoni u l-preżentata ta' l-att ta' l-akkuża jridu jiġu kkompletati fi żmien massimu ta' tliet xhur u ħamsa u għoxrin ġurnata u billi dan it-terminu ma ġiex osservat, l-arrest tagħha, in eċċess ta' dan it-terminu, huwa illegali u dak li hu illegali huwa irraġonevoli;

*L-intimat ma jaqbilx ma' l-interpretazzjoni mogħtija mir-*rikorrenti tad-disposizzjonijiet imsemmija tal-Kodiċi Kriminali u ssottometta li l-interpretazzjoni ta' tali disposizzjonijiet tispetta unikament lill-Qorti ta' kompetenza kriminali u li l-Qrati kompetenti fil-materja ġa` ippronunzjaw ruħhom f'sens li ma jikkonfortax l-interpretazzjoni sottomessa mir-rikorrenti u inoltre li l-interpretazzjoni tal-Kodiċi Kriminali mhix materja kostituzzjonali;

Ikkunsidrat:

Illi fil-kors tat-trattazzjoni d-difensur tar-rikorrenti ma llimitax ruħu għall-premessi tar-rikors, fis-sens li ma ġewx osservati t-termini preskritti mill-Kodiċi Kriminali għall-kumpilazzjoni u preżentata ta' l-att ta' l-akkuża imma ssottometta ukoll li ma kienx hemm raġunijiet oħra li jiġġustifikaw l-arrest;

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel m'għandha tiġi *investigata* hija l-kwistjoni jekk din il-Qorti għandhiex tinterpreta d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali kif *sottomess mir-rikorrenti* biex, f'każ li taqbel mar-rikorrenti, teżamina jekk l-inosservanza tat-termini tikkostitwix ksur tad-disposizzjonijiet *kostituzzjonali* jew aħjar tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali protetti bil-Konvenzjoni Ewropeja, reżi esegwibbli bħala parti mil-Liġi ta' Malta, bl-Att XIV ta' l-1987;

Is-sottomissjoni ta' l-intimat f'dan ir-rigward hija li d-disposizzjonijiet tal-liġi kriminali ġew interpretati mill-Qrati *kompetenti fis-sens kuntrarju għas-sottomissjoni tar-rikorrenti*. Allura din il-Qorti ma tistax ħlief tikkonstata li ma nkiser ebda terminu *impost* mil-liġi kriminali fuq l-Avukat Ġenerali fil-proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti u allura fuq il-premessi tar-rikorrenti stess mhumiex qed jinkisru d-drittijiet kostituzzjonali jew aħjar fondamentali, tar-rikorrenti;

Fil-fehma tagħha hija valida s-sottomissjoni ta' l-intimat li mhix kompetenza ta' din il-Qorti li tinterpreta d-disposizzjonijiet tal-liġi kriminali, għaliex din mhix Qorti ta' Appell minn deċiżjonijiet tal-Qrati Kriminali. Kien ikun differenti l-każ kieku r-rikorrenti lmentat li l-liġi kriminali kienet tikser il-Kostituzzjoni. *Pero' r-rikorrenti qiegħda titlob lil din il-Qorti tinterpreta l-Kodiċi* Kriminali fis-sens sottomess minnha li hu in kontrast ma' l-interpretazzjoni ġa' mogħtija mill-Qrati ta' Kompetenza Kriminali. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tinterpreta l-Kodiċi Kriminali jew li tiddeċidi hiex korretta l-interpretazzjoni tal-Kodiċi Kriminali mogħtija mill-Qrati kompetenti fil-materja. Din il-Qorti hija kompetenti biex tiddikjara jekk l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti kompetenti tfissirx li allura dik il-liġi kif interpretata tikser

id-drittijiet protetti bil-Konvenzjoni Ewropeja. Fil-każ odjern, ir-rikorrenti mhix qiegħda taqbel ma' l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti kompetenti u qiegħda titlob lil din il-Qorti tagħti interpretazzjoni differenti minn dik mogħtija mill-Qorti kompetenti f'materja kriminali. Din il-Qorti m'għandhiex kompetenza kriminali u għalhekk ma tistax tippronunzja ruħha fuq il-premessi dwar id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali msemmija fir-rikors promotorju;

Għandu ukoll jiġi indagat jekk ir-rifjut tal-Qorti tal-Maġistrati li tilqa' t-talba għal-liberta' provvisorja tar-rikorrenti fiċ-ċirkostanzi tal-każ kinitx ġustifikata, jiġifieri kienx hemm dewmien mhux raġonevoli u kienx hemm raġunijiet validi biex ma tingħatax il-liberta' provvisorja;

Fil-fehma tagħha ma jirriżultax li l-prosekuzzjoni mxiet b'xi lentezza. L-imputata, jiġifieri r-rikorrenti ġiet akkużata f'Marzu 1994, ġiet konkluża l-kumpilazzjoni u ġie ppreżentat l-Att ta' l-Akkuża u diġa' jinsab appuntat għas-smigħ fuq l-eċċezzjonijiet preliminari;

Ir-raġunijiet għad-detenzjoni tar-rikorrenti jiġifieri r-raġunijiet li għalihom opponiet ruħha l-prosekuzzjoni għad-diversi talbiet tar-rikorrenti għal-liberta' provvisorja jirriżultaw dettaljatament mid-dokumenti esebiti man-nota ta' l-Avukat Ġenerali a fol. 67 ta' dan il-proċess. Fil-fehma tal-Qorti n-natura tar-reat li bih qiegħda tiġi akkużata r-rikorrenti, jiġifieri dak ta' traffikar ta' droga jirrendi probabbli l-intralċjar tal-provi konsistenti f'żewġ persuni li jiddependu mill-istess rikorrenti biex jalimentaw il-vizzju sfortunat tagħhom, kif ukoll il-probbabilita' li r-rikorrenti tikkommetti reati oħra minħabba l-forza tal-vizzju tar-regħba għall-profitti faċli, kif

ukoll il-piena li għalihom huwa soġġett ir-reat in kwistjoni joħolqu perikolu li r-rikorrenti tipprova taħrab jew tinħeba biex tipprova tevadi s-sanzjonijiet tal-liġi. Għalhekk, iċ-ċaħda tal-liberta' provvisorja, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, hija ġustifikata, u konsegwentement, m'hemmx il-ksur tal-Konvenzjoni Ewropeja llamentat mir-rikorrenti;

It-tieni sottomissjoni tar-rikorrenti hija dwar is-subartikolu (4) ta' l-Att ġa' ċċitat. Issa, kif sewwa ssottometta l-intimat, ir-rikorrenti m'għandha ebda interess ġuridiku billi minn eżami tal-proċess kriminali *jirriżulta li hija għamlet diversi talbiet li ġew investiti* mill-Qorti tal-Maġistrati b'mod spedit u ġie kkonstatat li ma kien hemm ebda illegalita' fid-detenzjoni tar-rikorrenti. Fil-fatt, il-Qorti tal-Maġistrati semgħet lir-rikorrenti *iżda ma ddeċidietx favur it-*teżi tar-rikorrenti. Issa d-disposizzjoni invokata mir-rikorrenti mhix fis-sens li l-Qorti trid tiddeċidi favur ir-rikorrenti, iżda biss li jekk il-Qorti ssib li *d-detenzjoni ma tkunx skond il-liġi*, hija għandha tordna l-liberta' tal-persuna li tadixxi dik il-Qorti. Għalhekk, lanqas ma jirriżulta ksur tad-dritt protett bis-subartikolu (4) in diżamina";

L-appellanti appellat minn dik is-sentenza fi żmien meta hi kienet għadha qiegħda tistenna li jsir ġuri li eventwalment ġie ċċelebrat fil-mori ta' dan l-appell. Il-Qorti tinnota li l-appellanti bl-ebda mod ma għamlet xi sottomissjonijiet dwar il-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti jew tat indikazzjoni kif dawk il-konsiderazzjonijiet aggravawha. Fil-petizzjoni ta' l-appell tagħha hi llimitat ruħha li tirriproduċi - prattikament b'*computer print-out* - ir-rikors promotorju. Strettament allura din il-Qorti ma jeħtiġilha żżid xejn mas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u tista' tistrieħ fuq il-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti biex tirriġetta l-appell. Pero' b'sens ta' ġustizzja mar-rikorrenti appellanti hu opportun li l-Qorti

tagħmel is-segwenti preċiżazzjonijiet;

Kif sewwa issintetizzat l-Ewwel Qorti, it-teżi tar-rikorrenti hija illi billi skond l-interpretazzjoni u kalkoli magħmula minnha tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli tal-Kodiċi Kriminali minnha ċċitati, il-kumpilazzjoni u l-preżentata ta' l-att ta' l-akkuża kellhom jiġu kompletati fi żmien massimu ta' tliet xhur u ħamsa u għoxrin ġurnata u billi t-terminu ma ġiex osservat, l-arrest tagħha, in eċċess ta' dak it-terminu, huwa llegali. **U dak li huwa llegali huwa irraġonevoli**. Din hi l-premessa li fuqha r-rikorrenti appellanti tibni l-aggravji tagħha. Hi tirravvisa "irraġonevolezza" *fit-tul ta' żmien* ta' detenzjoni tagħha f'allegata vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-materja. Premessa għal kollox fallaċi u insostenibbli fil-liġi;

Difatti, id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw kif u meta għandha ssir il-kumpilazzjoni tax-xhieda u eventwalment kif u meta għandu jsir l-att ta' l-akkuża, jispeċifikaw termini preċiżi, anke jekk prorogabbli u ma jagħtu lok għall-ebda diskrezzjoni lill-ġudikant jew lill-Avukat Ġenerali. Ma tidħol l-ebda *konsiderazzjoni* ta' "raġonevolezza" u t-termini stabbiliti, jew jiġu onorati u allura l-proċeduri jkunu korretti *rite et recte* jew ma jiġux onorati u allura l-proċeduri huma irriti u illegali. Dwar dan huma biss il-Qrati b'kompetenza kriminali li jistgħu u għandhom jiddeċidu. Kif fil-fatt iddeċidew f'dan il-każ. Jirriżulta mill-atti illi l-appellanti intavolat diversi rikorsi quddiem dawn il-Qrati biex tingħata l-liberta` provvisorja. F'wieħed minn dawn ir-rikorsi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tat-3 ta' Ottubru, 1994, l-appellanti talbet li "fil-konfront *tagħha jiġi stabbilit id-dritt għal-*liberta` skond il-*proviso* ta' l-artikolu 432 (1) tal-Kodiċi Kriminali" u li konsegwentement tingħata l-liberta`. Dan għamlitu fuq premessi

identiċi - anke f'dan il-każ tista' tgħid *computer print-out* - tar-rikors promotorju f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti tal-Maġistrati, f'digriet dettaljat li fih elenkat l-*iter* tal-proċeduri tal-kumpilazzjoni u applikat għalihom il-provvedimenti tal-liġi kriminali, li in forza tagħha kien aġixxa l-Maġistrat Inkwirenti, kif ukoll l-Avukat Ġenerali, waslet għall-konklużjoni illi ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-liġi kriminali, li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti ta' l-Avukat Ġenerali meta talab ir-rinviji meħtieġa u konsegwentement ċaħdet it-talba. Interessanti li f'dak id-digriet il-Qorti tal-Maġistrati kkunsidrat proprju l-provvediment tal-Konvenzjoni Ewropeja invokat mill-appellanti f'dan ir-rikors. U sewwa għamlet, għaliex il-funzjoni tal-Qorti hi li tapplika l-liġi kollha tal-pajjiż, inklużi l-garanziji għad-drittijiet fondamentali ddikjarati u protetti fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropeja u dana preventivament qabel ma tavvera ruħha l-vjolazzjoni u anzi biex tippreveniha. Dan biex possibbilment jiġi assigurat li dawn id-drittijiet ma jiġux ivvjolati;

"Naturalment jekk dawk ir-rinviji, talvolta jsiru lill-Avukat Ġenerali kapriċċożament jew biss bl-iskop li jiggwadanjaw iż-żmien jew f'każ li ma jkunx hemm verament ħtieġa li jinstemgħu xhieda, allura jista' jkun il-każ li l-proċeduri jkunu qegħdin jieħdu żmien aktar minn raġonevoli. F'tali eventwalita' <u>l-imputat ikollu dritt għal-liberta' provvisorja</u> a tenur ta' l-artikolu 5(3) *ta' l-Ewwel* Skeda ta' l-Att XIV ta'l-1987". Il-Qorti tal-Maġistrati kienet allura altru milli konxja tad-dritt fondamentali li għaliha *kienet intitolata* l-akkużata;

Kemm il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati, kif ukoll il-Qorti Kriminali rrifjutaw bħala nfondata is-sottomissjoni ta' l-appellanti imputata illi kienu ġew ivvjolati l-provvedimenti tal-Kodiċi

Kriminali fil-konfront tal-liberta` provvisorja minnha mitluba. Din il-Qorti ma tistax u mhijiex kompetenti biex tissindika din il-kontestazzjoni. Bħala konsegwenza din il-Qorti ma tistax tpoġġi fid-dubbju li l-proċeduri quddiem il-Qrati b'kompetenza kriminali kienu korretti u allura perfettament legali. Anke kieku għall-grazzja ta' l-argument biss kellha tittieħed bħala korretta l-idjoma legali ta' l-appellanti "li dak li hu illegali huwa irraġonevoli". Skond din it-teżi una volta jrid jittieħed bħala korrett li ma kien hemm xejn illegali fil-proċeduri tal-kumpilazzjoni, irid neċessarjament bilfors isegwi li allura ma kien hemm xejn irraġonevoli fid-dewmien li jista' jammonta għall-vjolazzjoni tad-dritt fondamentali ta' *l-appellanti*. Il-Qorti pero` tirritjeni li hu għal kollox żbaljat li wieħed isostni li dak li hu illegali huwa neċessarjament irraġonevoli. *Biżżejjed* jingħad illi kieku kien hekk kien ikun ukoll validu li wieħed isostni li kull ma hu legali neċessarjament hu raġonevoli. Dan assolutament mhux veru. Infatti wieħed jista' faċilment jipprospetta sitwazzjoni fejn - anke *f'każijiet analogi għall-preżenti - wieħed jista' jtawwal* il-proċeduri b'mod perfettament legali u fit-termini u bil-prinċipji stabbiliti u permessi bil-liġi, imma dan għal żmien li jkunu fiċ-ċirkostanzi irraġonevoli u allura leżiv tad-drittijiet fondamentali ta' l-akkużat;

L-aspett tad-drittijiet fondamentali kif espressi fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropeja fir-rigward tas-smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, għandu allura jitqies għal kollox indipendentement mill-aspett ta' liġi kriminali. Jiġi sottolineat li l-appellanti qed tillimita r-rikors tagħha għall-allegazzjoni ta' vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja u mhux *tal-Kostituzzjoni*. Tagħmel rikjama għall-artikolu 5 subinċiż 3 tal-Konvenzjoni li trid tassigura li kull individwu, arrestat jew *iddetenut*, għandu *jkollu* dritt "għall-proċeduri fi żmien raġonevoli <u>jew</u> għall-ħelsien waqt

pendenza tal-proċeduri". L-ewwel dritt li l-imputat li jinġieb quddiem ġudikant għandu, hu li jkollu proċeduri biex tiġi stabbilita l-innoċenza jew ir-rejita` tiegħu fi żmien raġonevoli. Fil-każ in eżami dan id-dritt ta' l-appellanti ċertament ġie rrispettat għax il-proċess kollu minn meta tressqet taħt arrest quddiem il-Maġistrat inkwirenti sakemm ingħatat is-sentenza minn Qorti Kriminali ħa biss appena sena. Sar b'attenzjoni imma b'ħeffa eżemplari kif din il-Qorti tixtieq li jkun possibbli li jsir f'każijiet oħra, imma li sfortunatament mhux dejjem hekk possibbli. Dan speċjalment f'każijiet ta' din ix-xorta fejn in-natura tar-reat u l-offiża lis-soċjeta` hi ta' gravita` tali illi hu ta' l-akbar importanza li l-ġustizzja taqa' b'id l-aktar tqila fuq dak responsabbli. Hekk biss il-qawwa tal-liġi tista' sservi ta' eżempju u deterrent effettiv kontra dan il-flaġel ta' żmienna, anke jekk il-ħsara u d-dannu lis-soċjeta` ma tista' qatt tiġi adegwatament riparata. Biex ġie assigurat dan il-proċess ġudizzjarju, ċertament fi żmien raġonevoli lill-appellanti - li għalih hi kellha kull dritt - ikkontribwixxa ukoll ir-rikjam tagħha għall-allegata vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tagħha. Vjolazzjoni pero` li tirriżulta għal kollox ineżistenti;

Finalment il-Qorti tinnota li t-termini "fi żmien raġonevoli" <u>fil-Konvenzjoni</u> hu wieħed li ma jippermettix definizzjoni f'termini riġidi u ċertament ma jistax jiġi ristrett għal-limitazzjonijiet ta' perijodi ta' żmien determinat fil-liġi kriminali jew liġijiet oħra ta' pajjiż partikolari. It-terminu fih innifsu għandu element qawwi ta' diskrezzjonalita` li jħalli f'idejn il-ġudikant biex jiddetermina jekk, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, iż-żmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun ġiet ġudikata, kienx ta' tul tali li jeċċedi dak li hu jew għandu jkun normalment aċċettabbli f'soċjeta` demokratika. Din id-definizzjoni tat-terminu fi żmien raġonevoli u l-applikabilita` tiegħu għandhom isibu l-ispirazzjoni tagħhom allura

mhux biss fil-kamp tal-leġislazzjoni u ġurisprudenza nazzjonali, imma ukoll u aktar, fil-ġurisprudenza tal-Konvenzjoni u tal-Qorti Ewropeja li evolviet u għadha qed tevolvi l-kriterji li fuqhom għandu jiġi ddeterminat minn każ għal każ jekk u meta persuna arrestata għandha titqies li ma kellhiex l-opportunita` ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Kriterji li jistgħu jservu biss bħala gwida lill-ġudikant, għax kull każ għandu l-fattispeċje tiegħu. "As for the length of time it is not possible to draw more than the most general guidance from the case law since each case depends on its own circumstances ... It can be said that the question of whether a "reasonable time" has been exceeded will depend in many cases on a close examination of the circumstances and the causes of any delay and not merely on a consideration of the length of time in question" (The right to a fair trial - Andrew Grotian - Human Rights files No. 13-1994). Il-każ in eżami ma jippreżentax din l-inċertezza għax ma jirriżulta li kien hemm l-ebda dewmien fil-proċeduri li jimmerita investigazzjoni. Dewmien fis-sens ta' tul taż-żmien in eċċess ta' dak li wieħed jistenna li l-proċess taħt eżami kkunsidrat il-komplessita` tiegħu, normalment għandu jieħu;

Fil-każ in eżami ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni anke jekk wieħed iqis li l-interpretazzjoni tat-terminu "fi żmien raġonevoli" fis-subinċiż 3 ta' l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni għandu jingħata interpretazzjoni aktar stretta mill-istess terminu kif użat fl-artikolu 6 (1). Dan għaliex fl-ewwel każ si tratta ta' konsiderazzjoni tal-fatt li l-persuna akkużata tkun iddetenuta u mċaħħda mil-liberta` tagħha tistenna proċeduri kontra tagħha u mhux sempliċement konsiderazzjoni ta' tul ta' proċeduri kriminali kif hu fit-tieni każ;

Jeħtieġ dejjem jiġi kkreat bilanċ bejn l-interessi ta' l-individwu għall-ħelsien u l-protezzjoni adegwata tas-soċjeta` "By weighing

in each individual case the interests of the person in question in as prompt a determination as possible against the demands of a proprer conduct of the proceedings";

F'dan ir-rigward il-Qorti tinnota d-differenza bejn it-test Ingliż u t-test Franċiż tal-Konvenzjoni. dak ta' l-ewwel juża t-terminu "within a reasonable time", it-tieni juża l-frażi "dans un delai raisonnable" li hi strettament tradotti fi *without unreasonable delays*. *Nuance* sottili imma ta' rilevanza fis-sinifikat anke jekk forsi aktar fl-enfasi milli fis-sustanza. *without unreasonable delays* tissuġġerixxi investigazzjoni fil-kawża tad-dewmien li jikkaġunaw il-perkors taż-żmien u tallaċċja dan id-dewmien ma' l-aġir tal-persuni jew organizzazzjonijiet responsabbli għalih u li għalih iridu jirrispondu. Anke taħt dan l-aspett il-każ pero' ma jippreżenta l-ebda diffikolta', għaliex kemm il-Qorti Kriminali, fil-kompetenzi varji tagħha, kif ukoll l-uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali aġixxew mhux biss korrettement imma b'ċerlerita' notevoli;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.